# Ħsiebek fuqi

Nidħak u nogħxa meta nisma
Kif taħsibha inti fuqi,
Emminni, kif naqbad niċċassa
Ġibtni ta' fuqi senduqi.

Imma jien nafek bniedem ieħor
Titbissem bħalma jagħmlu t-tfal,
X'ġaralek ħi, kif dort hekk f'daqqa?
Kemm saru ħsibijietek tqal?

Insejt it-tpespisa mis-sema?
Snin ilu lil qalbek hi mliet?
Isejt kemm dam isejjaħlek
F'dak il-beraħ u f'bosta skiet?

Kif allura ħallejt lill-għadu
Inassek, jgħaffiġlek qalbek?
Mintix nifsek jinqatagħlek?
Kemm sar wisq iebes dan talbek?

Ħi, erġa' lura, qed nitolbok
Erġa' sir it-tifel ferħan,
Erġa' ifraħ b'dak li jiġrilek
B'Ġesù miegħek għandek serħan.

U ħallieha l'did-dinja msejkna
Twegħek ħafna u ma tpaxxikx,
Għax ittik ferħ ta' minuta
Ittik dwejjaq li ma jgħaddikx.

Hemm araha l-ħarsa ta' fuq wiċċek
Togħma ta' qrusa issemmix,
Tiġix tgħidli li tħossok tajjeb
Għajnejk jikxfuk, gidba tgħidlix.

Għalik jien minn qalbi se nitlob
Għaliex lilek tħobb wisq ruħi,
Naħfrilek avolja weġġajtni
Bil-ħsibijiet l'għandek fuqi.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.